MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2001

Numru 283/2000

**AWLA 7**

**Illum 11 ta’ Gunju 2001.**

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

vs

Stephen James Falzon
Ryan Dimech

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stephen James Falzon ta’ 26 sena, bin Richard u l-mejta Natalie nee’ Veneziani imwieled F;West Yorkshire Ingilterra fit-2 ta’ April 1974 u li fil-present joqghod SATU Mtahled detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 366290 (M);

U kontra Ryan Dimech ta’ 21 sena bin Carmel u Carmen nee’ Medati mwieled Pieta’ fl-24 ta’April 1979 u li joqghod Perla, Triq Santa Catherine, Attard, detentur tal-karta tal-identita; bin-numru 215579 M;

Talli fi Triq Notabile Attard, fl-4 ta’ April, 1997, ghall-habta tas-6.30 ta’ filghaxija, kkommettew serq ta’ somma flus li teccedi l-elf lira maltin (Lm1000) mill-istabbiliment bl-isem “Bonnici Brothers Petrol Station”, ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess pompa tal-petrol, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, bil-valur u bil-lok.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Carmel Muscat minn Haz-Zebbug (Malta) impjegat fl-istess pompa tal-petrol.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommettew serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAC 383 ghad-dannu tal-istess Carmel Muscat minn Haz Zebbug (Malta), liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, lok u bix-xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li ghamlu d-delitti ta’ serq u ta’ sekwestru tal-persuna, kellhom fuq il-persuna taghhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' talli ghamlu hsara fuq hgiega tal-bieb tal-istess stabbiliment ghad-dannu tad-dirigenti ta' "Bonnici Brothers Petrol Station", liema hsara ma' tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50) imm tiskorri l-ghaxar liri Maltin (Lm10).

Wara illi rat l-Artikoli 261 (a)(b)(c)(e), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 276, 277, 278, 330, 279, 280, 281, 89, 261 (g), 271, 334, 325 (b), 17 (b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali; l-Artikoli 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-kapitolu 66;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taz-zewg imputati, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssibhom hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, wara li semghet il-provi prodotti , rat id-dokumenti ezebiti u hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imsemmija imputati ghal piena komplessiva ta' sentejn (2) habs prigunerija u tordna li din is-sentenza m'ghandhiex tiba ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputati jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija, a tenur tal-Artikolu 28 A.

Din il-Qorti qeghda wkoll tapplika l-Artikolu 28g that is-Supervizzjoni ghall-istess perjodu  tal-Probation Officer Ms. Carmen Nygaard, li ghandha tirraporta lil din il-Qorti bil-miktub, darba kull tlett xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------